MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru. 88/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Rodhem Charles Galea bin Carmel u Mary nee' Azzopardi, imwieled fl-14 ta' Gunju, 1980 u residenti fil-fond numru 5, Triq l-Ghadira, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13880(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Rodhem Charles Galea li gie akkuzat talli f'Novembru 2007 u anki fis-snin ta' qabel f'Ghawdex;

1) wahhal pjanca ta' registrazzjoni DAT 306 ma' Van Ford Transit bajda meta din il-pjanca ma kinitx inharget mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, u liema pjanca ma kinitx tirreferi jew tippartjeni ghal din il-vettura partikolari (Reg 34 (5) A.L. 476/04);
2) talli fl-istess zmien u f'Ghawdex biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka tar-registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew b'xi mod baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur (Reg 51 (4) A.L. 476/04);
3) u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, ghamel jew ippermetta li jsir l-uzu minn marka ta' registrazzjoni ta' vettura DAT 306 xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' Dwar it-Trasport dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Reg 51(5) A.L. 476/04);
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bi tliet akkuzi li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 476 tal-2004 u cioe' ir-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u il-Licenzjar dwar il-Vetturi bil-Mutur liema regolamenti dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2004 u dana kif dispost fir-Regolament 1(2) tal-istess Avviz Legali.

L-imputat jinsab akkuzat taht dawn ir-regolamenti li wahhal pjanca ta' registrazzjoni DAT 306 ma' Van Ford Transit meta din il-pjanca ma kinitx tirreferi ghal din il-vettura kif ukoll li biddel, irranga jew hassar marka ta' registrazzjoni jew inkella li baghbas pjanca ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur kif ukoll illi ppermetta li jsir uzu minn marka ta' registrazzjoni ta' vettura xorta'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat fil-gurnata in kwistjoni kien qieghed fil-garaxx ta' missieru minn fejn huwa jbiegh il-vetturi bhala auto dealer. Hemmhekk kien hemm ghall-bejgh van Transit li ma kellux pjanci ta' registrazzjoni. Jidher illi missier l-imputat kien qieghed

Malta fuq xoghol u ghalhekk meta pprezenta ruhu Joseph Farrugia biex jixtri dana l-van huwa sab xi pjanci ohra fil-garaxx, jghid li hasibhom ta' dan il-vann u ghaddiehom lil Farrugia meta bieghlu dan il-vann. Il-van gie ittowjat mill-garaxx minn dana Farrugia peress illi ma setax jinsaq fit-triq.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien jaf ben tajjeb illi l-pjanci ta' registrazzjoni li ghadda lil Farrugia ma kinux jappartjenu lil dan il-nan. Fil-fatt pjanca wahda biss sab u wahhalha mal-vettura. Ghaldaqstant l-ewwel (1) u l-ahhar akkuzi jirrizultaw ippruvati. Madanakollu it-tieni (2) akkuza ma tirrizultax ippruvata peress illi minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta illi l-imputat biddel, hassar jew b'xi mod baghbas dawn il-pjanci ta' registrazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat r-regolamenti 34(5) u 51(5) tal-Avviz Legali 476/2004, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1) u l-ahhar akkuzi u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------